// IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**53.** **4 ta' SETTEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**

# It-Tieni Sena.

B'DANA il għadd sejjrin nidħlu f'it-tieni sena ħajja; u b'il għajnuna t'Alla u ta'l imsieħbin, b'ir-rieħ f'il kala. Billi rajna li il poplu jrid f'idejh in-« Naħla » tagħna bi ħsiebna nagħmlu chemm nistgħu biex nimleŭha bi ħŭejjeġ ta' fejda u li jeħu pjacir bihom cullħadd.

Fost il ħŭejjeġ ġodda li bi ħsiebi indaħħal di's-sena nibdeŭ daŭn:

(1). L-Istorja ta'l Ibliet u ta'l Irħula ta' Malta u Għaŭdex. Ingherfxu chemm cotba u manoscritti jakgħu taħt idejna biex naraŭ meta bdeŭ jeŭ meta bdeŭ jissemmeŭ daŭna il Bliet jeŭ irħula u nibkgħu tielgħin ħaġa b'ħaġa b'dac collu li ġara fihom sa'l-lum u is-sehem li ħadu f'it-taktigħat ma't-toroc u ma'l Franciżi; il cnejjes li fihom meta u minn min imbneŭ u x'hemm sabiħ jeŭ għażiż x'tara ġo fihom; il palazzi jeŭ monumenti; in-nies cbar li ħarġu minn cull belt jeŭ raħal; fi ftit cliem dac collu li cull min tŭieled jeŭ jokgħod f belt jeŭ raħal jixtiek jaf fukhom.

(2). Billi nafu li in-« Naħla » jakraŭha ħafna żgħażaħ u xbejbiet u billi nafu ucoll li il missierijiet u l-ommijiet illum jixtieku jaraŭ l-ulidhom jimxu il kuddiem f'it-tagħlim ta'l-ingŭi u l-actar ta'l ingliż, sejjrin nibdgħu ingibu ħafna ħŭejjeġ sbiħ fuk daŭna iż-żeŭġ ilsna sbiħ u meħtieġa; fosthom il frasi l-actar importanti li jinsabu fl-aħjar aŭturi b'it-tifsir tagħhom billi il kofol ta cull lingŭa hu kiegħed f'il fraseologija tagħha. U dana sejjrin inżiduh għaliex ix-xeuka ta kalbna hi li in-« Naħla » b'il mod il mod ticber u issir rivista minn daŭc li l-Ingliżi jsejjħulhom « *Popular Educator.* »

(3). Billi nafu li biex ŭieħed ijsir ragel u ijgħix seŭŭa u jisŭa lil pajjisu ma hux b'iż-żejjed li jcun għaref u li jimla żakku b'dac li sŭeŭ missierijietu, iżda jinħtieġ ucoll li jeduca tajjeb lil kalbu u jitgħallem ijrabbi il ħila u jħobb seŭŭa lil għajru bi ħsiebi nibda ingibilcom l-isbaħ ħŭejjeġ li kalu Smiles u Lessona f'il cotba tant imfaħħra u imxerrda tagħhom. F'« *Għin Ruhec !* » nagħżlu l-aħjar ta's-« *Self-Help* » f'« *Cun Galantom* »; l-aħjar ta'l « *Character* »; f'« *Ibża għal flusec* », l-aħjar ta't-« *Trift* » u x'naf jien; u naħseb li cull missier li jħobb tasseŭ l-uliedu u li jixtiek jarahom tielgħin għorrief, għaklin u galantomi ma jitmeżmiżx li ma'l ħafna flus li jonfkilħom biex jeducahom ijżid ucoll in-nefka żgħira ta' ħmistax il ħabba f'il gimgħa biex jissieħeb f'in-« Naħla » u b'hecc ijcollu f'id-dar li m'hux timlielhom moħħhom b'il festi u il partiti iżda bi ħŭejjeġ ta' fejda u ta ta' tagħlim.

(4). In-« Naħla » is-sengħa tagħha hi li timraħ fuk il fjuri biex tiġbor il għasel l-actar bnin tagħhom. Min jaf chemm ħŭejjeġ sbiħ u chemm ħŭejjeġ li ħakkhom ma jmutu katt jinsabu kalb il għabra ta'l ixcafef ta'l Biblioteca, fi djar privati, f'manoscritti immermrin li da'l ŭakt jinkerdu għal collox jeŭ f'gazżetti u cotba kodma li illum meta issib copja minnhom tcun sibt fula f'kargħa ! Jidhirli jien li in-« Naħla » tiegħi ma tagħmel xejn ħażin u li l-imsieħbin tagħna jieħdu gost chiecu aħna niġbru u nerggħu natu il ħajja lill dana il ħafna ġaŭhar moħbi u prezzjus. Min jaf f'gazzetti kodma chemm hemm poeżiji sbiħ li dehru darba għa

ftit ġranet u illum intseŭ għal collox! F'pajjisi oħra jagħmlu daŭc il cotba tant sbiħ li jsejjħulhom *Antologiji* u li fihom jiġbru l-isbaħ poeżiji li jcunu inchitbu ma tul iż-żmienijiet biex ma jmutu katt. Aħna ucoll chellna u għad għandna il poeti tajjbin tagħna li ħalleŭlna ħafna poeżiji sbiħ imxerrda l-hinn u l-haŭn u li ftit jafu bihom u fejn huma. X'fiha billi ŭieħed cull tant jiġbor xi ŭaħda u jarġa jistampaha f'in-« Naħla » ħalli dac li hu tajjeb u sabiħ ma jmut katt?

F'il għadd li gej, u billi taħbat krib il ġurnata li tfac carna fl-Irvell ta'l kassisin, sejjer nibda biex ingib poeżija sabiħa, li ftit jafu biha, fuk MANNARINU ta'l Profesur G. A-Vassallo u li nitma li jieħu pjacir biha sgur cullħadd. M'hux aħjar terġgħu takraŭ il poeżiji għad li kodma, ta' Vassallo, Cachia, Mifsud-Tommasi, Taylor, l-aħŭa Mifsud-Bonnici, Muscat Azzopardi u oħrajn bħal daŭn milli naħlu il ŭisa biex ingibu il poeżiji ġodda, ma zopop u bla benna, ta' xi poetastri u poetuncoli ta's-sitt ħabbiet bħal ma naraŭ f'gazzetti oħra? It-tajjeb ma jikdiem katt; u li chien għalhecc chiecu nistgħu naħirku Omeru, Virgilju, Orazju, Dante, Tasso, Shakespeare, Goethe, Schiller, Camoens, Milton u tant opri oħra li għal ġmielhom ma jmutu katt.

(5). Barra m'il poeżiji bi ħsiebi nfarfar m'il għabra chiefra ta'ż-żmienijiet xi libretti li bihom hemm mimlija xcafef sħaħ il Biblioteca taħt it-titolu ta' *Miscellanea*. Billi ħafna qŭistjonijiet fuk industriji, fuk emigrazzjoni, fuk drittijiet tagħna ma humhiex ġodda iżda ilhom ħafna jkallbu imsaren il pajjis hemm ħafna ħŭejjeġ sbiħ antichi mictubin fukhom u minn nies b'il ŭjocchi. X'hemm ħażin billi ŭieħed jarġa jgħarbel il fehmiet tagħhom u dac li jidhrilna li għadu jgħodd għalina u għal żmienijietna nerġgħu natuh ir-ruħ u inxerrduh fost daŭc li ma jcunu kraŭh katt? Il chittieba antichi ħalleŭlna ħafna opri li għad li għaddeŭ minn fukhom l-eluf ta' snin, għadhom sa'l-lum jxerrdu daŭl kaŭŭi biex ijħeffu it-triek lill chittieba ta'l-lum. U b'hecc daŭc il ħŭejjeġ sbiħ li hemm midfuna, għal għabra u għal camla, f'il Biblioteca u li biex ŭieħed jakrahom ijrid jaħli l-aħjar ħin ta'l ġurnata billi ma joħorġux jarahom ttit, ftit f'in-« Naħla » u b'hecc insalvaŭhom ucoll m'il meŭt li sgur huma iccundannati għaliha jecc ma jiġġeddux f'kasir żmien.

Il Prof: Aquilina, li chien ŭieħed m'il aħjar xjenzati li chellna, chien għamel conferenza, xi sittin sena ilu, fuk liema huma f'Malta iż-żrieragħ li jistgħu jittieclu f'loc il kamħ f'għacs jeŭ ġŭerra u li jicbru salvaġġi f'pajjisna. Ma jidhrilcomx li hi ħaġa meħtieġa ħafna li ŭieħed ijcun jaf liema huma? Dina il conferenza saret rari ħafna u ftit haŭn min għandu copja tagħha u għalhecc tħajjart ingibha f'in-« Naħ-Naħla. » Bħalha biċċa botanica ta' Malta hi interessanti sgur.

(6). Meta nispiċċa m'il Melodramm bi ħsiebi nibda l-« Istorja ta'l Musica Sagra Maltija » b'xi ritratti; u jecc ijcolli il ŭisa actarx nibda « Il Pitturi Maltin » b'xi ritratti ucoll.

(7). Actarx nati bidu għal ħajja ta' Verdi b'ir-raccont f'il kasir ta'l opri principali collha magħmula b'mod li min ijmur f'teatru b'il ftit li ngib ijcun jista jifhem b'iż-żejjed l-opra li tcun kiegkda issir.

(8). Incompli ucoll il « Familji Maltin » li chif taraŭ il kuddiem tcun ħaġa sabiħa ŭisk u li jiena għal issa żammejt ftit l-ura billi kiegħed niġborhom minn fuk cotba kodma li hemm f'il Biblioteca u għal da'l mument ma għandix żmien biex inkattgħu hemm.

Nerġgħu incomplu immixxu il « Mistoksija oħt il Għerf, » biss nixtiek li l-imsieħbin jifhmu li dina ma saretx għall interess privat tagħhom bis iżda għal gid ta'l imsieħbin collha ucoll; u għaldakstant jecc ŭieħed jibgħat jistaksina fejn ijsib bniedem għa'x għandu jieħu u ma sabux, jeŭ għajnuna biex jsib x'impieg u ħŭejjeġ bħal daŭn ma għandux jistenna li nimleŭ il gazzetta bihom; u l-ankas ma nŭieġbu meta il ħaġa li jistaksi jcun jafha cullħadd biex ma naħlux ŭisa għal xejn, bħal ma stakseŭni liema hi l-acbar flotta ta'd-dinja li cullħadd jaf li hi l-Ingliża; u lankas ma jista jcun li nŭiegeb għal xi domandi li m'hux talli jridu xogħol ta' xhur biex tŭiegibhom iżda talli jieħdu in-« Naħla » collha għal xhur sħaħ bħal ma staksieni ŭieħed li jrid ijcun jaf min huma in-nies għonja ta'd-dinja collha, chemm għandhom flus cull ŭieħed u ŭiddibni li « collox għandu jcun eżatt. » Lankas ma għandu ŭieħed igibli ratal cuntratti u testmenti biex nezaminahom ħalli natih parir fukhom; u daŭc collha li bagħtu il mistoksijiet li fetlilhom ma għandhomx jaħsbu li jiena enciclopedija ħajja li malli jifthuha jsibu dac li jridu. Xi mistoksijiet biex tŭiegibhom ijridu iż-żmien u it-tfittix u il mistoksija; u meta jcolloc xi mitejn jeŭ tliet mija, ma'x-xogħol l-ieħor, m'hux għalchemm tŭiegeb seŭŭa malajr. Billi fuk daŭna il mistoksijiet inkala ħafna inqŭiet u ircevejt ħafna pastażati minn xi imsieħbin li ħasbu li b'il ftit soldi ta'l abbonament xtraŭni magħhom b'ir-ruħ u il gisem, chif naħseb ġa intbaħtu ili f'il ftehim li neħħejt id-dritt lil cull imsieħeb li jagħmel il mistoksija, biex m'il-lum il kuddiem inŭiegeb daŭc il mistoksijiet li jidhirli xierka u ħadd iżjed ma jcollu dritt ijsukni jeŭ jinsultani. B'dan il mod ma inhiex kiegħed ingħidilcom li ma tagħmlux iżjed mistoksijiet, le, anzi nieħu pjacir li naracom tistaksuni xi ħŭejjeġ li jcunulcom ta' fejda; biss ma irridx li ncun marbut minn għonki ħalli ma nokgħodx nircievi ta' cull jum daŭc il ħafna ittri mimlija tgħajjr u tleŭŭim li jtellgħuli in-nervi. U la gejna f'il cliem, irrid ingħid xi ħaġa ucoll fuk in-necrologiji. Jiġu għoxrin tlietin f'il gimgħa, biċċa minnhom jieħdu nofs colonna, u cullħadd ijridhom stampati chif chitibhom hu bosta drabi mimlija sbalji u ħmerijiet. Jecc niccuntentahom nista nimla in-« Naħla » bihom; dan jena ma irridx nagħmlu għaliex biex tintela il gazzetta, hemm b'iż-żejjed; meta ma nagħmlux, tleŭŭim, għdiedem, pastażati. Mela necrologiji f'il gazzetta ma għandu id-dritt ijgib ħadd; jecc ingibhielu, nagħmlu b'il pjacir tigħi u jrid ijħallas tagħha.

Mela f'il ħin li jiena inħabbel rasi chemm nista biex noħroġ cuntenti lil imsieħbin, x'uħud jeŭ actarx ħafna minnhom, ma għandhomx jinseŭ il *Galateo* f'il caxxun. Dac li tajtcom jien għadu ma taħulcom l-ebda ġurnal u għaldakstant f'loc ħafna insulti pastażati, ma ħakknix ħlief min jagħmilli il kalb. Fejn nista, fejn hu xierak, milli naf ngħin lil cullħadd, iżda ftacru li il gazzetta ma tatix il ħobż ta'l familja, iżda actarx ŭieħed jirroffta m'il but' u għalhecc hemm bżonn tistabru u ma tippretendux iż-żejjed ħalli, min jibka ħaj, ingħaddu ħajja ħienja, ingħinu lil xulxin m'il aħjar li nafu u li nistgħu biex in-« Naħla » tibka miexja dejjem il kuddiem b'ir-rieħ f'il kala u b'hecc tcun tista tibka dejjem iddeŭŭakcom il għasel bnin tagħha.

# IT-8 TA' SETTEMBRU

Dina il ġurnata tant għażiża għalina ma għandhiex tibka għaddejja bla ma nfaccruha, b'id-dmugħ f'għajnejna, lil ħutna il Maltin. Dana il jum ijferraħna, jħammrilna ŭiċċna, jbicchina, jimliena b'il kima u jheġġilna klubna għal l-art ta' tŭielidna u li tgħożż il għadam ta' missierijietna.

Tferraħna għaliex tfaccarna li ġo'l vini tagħna jiġri demm sħun u aħmar, id-demm ta' daŭc il kalbiena, li chellhom ħila ijrakkdu il għalla ta cull nazzjon li f'dac iż-żmien chienet taħchem id-dinja—il musulmani, Tferraħna għaliex tfaccarna chif giebu rŭieħhom missierijietna u ommijietna ucoll biex żammeŭ lil dil blata għażiża f'nofs ta' baħar li ma takax taħt id-dŭiefer ħarxa ta'l għedeŭŭa ta' Cristu. Tferraħna għaliex l-Assedju il Cbir tagħna hu faċċata m'il isbaħ u m'il actar glorjusi fl-Istorja ta'd-Dinja u li ir-rebħa fih ta'l Maltin u il Cavalier fuk it-Toroc salvat l-Europa m'id-dŭiefer ta'n-Nofs Kamar bħal ma salvaha m'il banda l-oħra il cbir Sobieski f'il cbira rebħa ta' Belgrado.

Dana il jum ijħammrilna ŭiċċna għaliex jurina b'iċ-ċar chemm tbiddlu klubna m'iż-żmien ta' daŭc missierijietna l-haŭn, chemm ma għadniex marbutin ma d'il Gżira bl-istess ħrara li chienu marbutin maħħa huma. Iva, mela illum naraŭ li il *patriottismu* ma sarx ħlief *panjottismu* u chif haŭn ħafna li ma jafux ħlief jinxteħtu biex jilagħku it-trab ta' dic iż-żarbuna li ma tafx ħlief tirfishom, ŭiċċna ma jistax ħlief jiħmar b'il mistħija ta'l għarucaża li ŭasalna fiha. Chiecu dina il mistħija tnebbaħna li ma għadniex il Maltin ta' dari, chiecu tkankalna biex naħdmu ta rgiel u sincerament għal gid ta' dina l-imsejcna gżira, xejn ma jimporta; iżda ŭisk naħseb li ŭara il ġlied u l-imħatri ta't-tiġrija, u il kubbajt u il kassatat u il guocodifocu ta'l festa, jecc tfittex f'il kalb ta'l maltin ma issib iżjed xejn. Nistħu mela min għamilna x'ħin infaħħru għamil missierijietna u nitkanklu ftit m'il actar fis u ta' rgiel biex nagħmlu xi gid lill pajjisna.

Dina il ġurnata tbicchina għaliex tfaccarna f'daŭc il ħafna Maltin kalbiena u f'daŭc il ħafna Cavalieri ta' ħila li għal l-imħabba ta' din l-art u ta't-tŭemmin tagħhom bħal ħafna ljuni inxteħtu contra l-egħdeŭŭa u taŭ ħajjithom ferħana fuk l-altar imkaddes ta'l Patrija. Tbicchina għaliex tfaccarna li missirijietna ċarċru demmhom għaliex ma riedux jakgħu taħt il Bandiera Torca; f'il ħin li chiecu illum conna sudditi toroc chien ijcollna Costituzzjoni u actar libertà, tista tgħid, milli għandna taħt id-dell ta'l Cbira u Libera Inghilterra ta'l-lum.

Timliena b'il kima lejn La Vallette u il Cavalieri l-oħra b'il Maltin magħhom għaliex għad li chienu ponn dubbien biss u armati ħażin, ma katgħux kalbhom li jieħduha ma'l mitt elf ruħ li ressak contra tagħhom, b'ħiltu collha, Mustafa; u li b'il kaŭŭa ta' driegħhom u b'il ħrara ta' klubhom rażżnu l-it-toroc u għaġġbu lil l-Europa collha u l-actar b'id-difiża kalbienija li għamlu ta' Sant Jiermu.

Da'l jum ijħeġġilna klubna għal l-imħabba ta' pajjisna. Jmissu! meta niftacru li ma aħniex ulied il gŭejjef iżda li aħna ulied daŭc li neżgħu l-imsielet minn ŭidnejhom biex xtraŭ Malta minn għand ir-Re Alfonsu biex Malta ma bakgħetx taħt il mirfes ta'l feŭdatarji, ulied daŭc li gegħlu jdaŭŭar denbu l'it-Torc fl-Assedju il Cbir u li rażżnu il killa u il cburija ta' Napuljun, iva, jmissu jkanklilna klubna u jħaġġiġna ħalli, b'il mezzi collha li tatina il-ligi; naraŭ x'nagħmlu biex nistgħallu seŭŭa il privileġġi u id-drittijiet tagħna.

Mela tcunu imbierchin m'il kiegħ ta' klubna, ja martri ta'l 1565, u jalla tisimgħu ix-xeŭka collha ħrara tiegħi li demmcom joktor fuk klubna ħalli jinxtegħlu bl-imħabba lejn dina l-art mirfusa m'il barrani. J'Alla!

***

Dina il poeżija b'it-taljan li sejjer ingib ilha mictuba m'il 1891, tmintax il sena ilu meta chien għad għandi tmintax il sena magħluka. Xi trid tagħmel? ġa la darba xjieħna biex nictbu il poeżija, ninkdeŭ b'xogħol żgħużitna; għallankas hu tagħna u ma ncunux għalhecc iżżejjinna b'rix ħaddieħor bħal ma jagħmlu bosta.

# Ai Martiri de'l MDLXV.

*A Mons: I. Panzavecchia.*

« Libertà van cercando ch'è si cara
Come sa chi per lei vita rifiuta. »
DANTE.

Sorgi, sorgi, o canuto guerriero,
stringi il brando ne'l pugno tuo forte,
grida « a l'armi, » su, squassa il cimiero
nov'agone s'appresta per Te;
guida a'l campo l'ardente coörte
da te attende il trionfo la Fè.

Mano a'l ferro! Non senti la tromba
de'l fier Trace ch'a pugna Ti sfida?
Va, combatti. Dragutto per tomba
avrà il suolo che vincer giurò.
Gran Valette! su, accetta la sfida
sei lo scudo che il Nume imbracciò.

Mano a'l ferro! Le barbare schiere,
minacciando sterminio a la Croce,
già s'avanzan;—le verdi bandiere
liete ondeggian per terra e per mar;
de'l fier Duce rimbomba la voce:—
« rovinate le mura, l'altar. »

Prodi figli d'invitta Melita
anche voi, su, imbrandite gli acciari,
e qual pardi su l'orda islamita
v'avventate e spargete il terror;
difendete la patria, gli altari,
umiliate il superbo invasor.

La crociata falange furente,
de le tube a'l tonante clangore,
su le turbe lunate repente,
qual torrente, si spinge a morir.
Viva i prodi! de' lari l'amore
lor rinforza le destre a ferir.

-« Forte nume, che franchi Sione
da gli artigli d'assira falange,
deh! sorreggi ne l'aspra tenzone
chi combatte pel mistico altar;
deh! consola Melita che piange
e de' figli suoi sveglia gli acciar. »

Oh tripudio! già cedon le schiere
di Dragutto, de'l fiero Islamita;
han squarciate le verdi bandiere,
fuggon tutte frementi d'orror;
da' suoi prodi vittrice Melita
cinto ha il crine di fulgido allor.

L'alme glorie, o codardi nepoti,
su, narrate de gli avi a le genti;
non il vil lenocinio d'ilcti
che barattan qual merce l'onor;
la memoria de' loro portenti
vi ridesti sul volto il rossor.

A. LEVANZIN.

# Il Festa ta'l Vittorja

Il festa ta'l Vittorja bdiet u hecc issejjħet billi it-Toroc refgħu l-Assedju u telku minn Malta f'is-sebgħa ta' Settembru lejliet il festa ta't-tŭielid ta'l Madonna. F'il Capitlu Generali ta'l Ordni li sar f'marzu ta's-sena ta' ŭara chienu katgħu li dina il festa għanda issir b'iż-żina collha u li fiha għandha issir priedca biex il predicatur f'il ħin li jfaħħar il Madonna għandu jgħid chif ġara l-Assedju il Cbir u chif saret il cbira rebħa contra it-Toroc; ħaġa sabiħa ħafna għaliex b'hecc ma tmut katt it-tifchira ta' daŭc missierijietna li ċarċru demmhom għal pajjisna u għa't-tŭemmin nisrani.

F'it-23 ta' settembru 1565 f'Ruma saret processjoni minn Santa Maria Maggiore għal S. Ġŭann Lateran u saret ucoll kuddiesa cantata li fiha ħa sehem il Papa Piu Ħamsa b'il Cardinali collha bħalha turija ta' ferħ għa'r-Rebħa ta'l Maltin fuk it-Toroc. Il Papa bagħat ucoll Brevi biex bih jifraħ lill Gran Mastru La Vallette, f'il 10 ta' Ottubru ta'l istess sena, u li fih kallu li jista jaħseb kalbu chif chienet kiegħda ittaktak biex jara chif chien sejjer jispiċċa assedju hecc kalil li minnu chienu sejjrin ijsalvaŭ jeŭ jintilfu l-Ordni, l-Italja, Skallija u il Gżejjer l-oħra ta' ma' dŭarhom. Kallu biex ijfittex ijseŭŭi is-sŭar m'il ħsarat li chien fihom u li hu m'hux talli chien bi ħsiebu jgħinu minn butu iżda li chellu jitlob l'is-Slaten Insara biex joħorġu xi ħaġa ta'l flus ucoll.

Is-Sultan ta' Spanja, Filippu it-Tieni, li chien ijħobb ħafna lil Gran Mastru La Vallette bagħatlu xabla famusa li il pum tagħha chien micsi kurkaċa b'id-djamanti u ma dan tah it-titolu ta' "Cbir Eroe ta's-Seclu," titolu li l-Eŭropa collha, u forsi l-istess Soliman ucoll, taŭŭulu b'il kalb collha.

Il cbir storicu taljan Muratori ħalla mictub fuk l-Assedju il Cbir tagħna "gŭaj chiecu Malta ŭakgħet taħt idejn it-Toroc!!"

Scipione Ammirato, il chittieb ta'l Istorja ta' Firenze ħalla mictub fuk dana l-Assedju:— "*Basterà dire essere questa stata una delle più gloriose difese che fosse mai stata fatta contra le forze del Turco. Et se noi leggiamo con meraviglia l'antiche storie de' Greci, et parci gran cosa, che al numeroso esercito di Xerse tutta la Grecia insieme havesse fatto contrasto, di Gran lunga fia cosa degna di maggior ammirazione che alle forze tremende de' Turchi, un isola qual'è Malta, non che abbia fatto riparo, ma con sì notabil danno rintuzzato l'orgoglio e la Superbia turchesca. Hebbero ben gli antichi questa ventura d'abbattersi a scrittori più nobili, i quali colla bellezza e maestria del dire molto aggiunsero di polso e di vigore all' opere loro; ma se noi, pesando le cose per quel ch'elle vagliono, non ci lascieremo abbagliare dall' apparenza, certo a grande equità posson cedere alla difesa di Malta le famose prove di Salamina e di Maratona.*" U biex infehimcom chif chienet issir fl-antic dina il festa tant għażiża għalina sejjer ingiblec dac li il għaref Sacerdot Dun Lŭiġ Can: Vella ta' Santu Spirtu ta'l Imdina chiteb f'il ctieb tiegħu fuk "Il Bambina." Dana jgħidilna li il Festa ta'l Vittorja chienet issir hecc:—

Lejliet il Festa il Cavalieri, chienu jsumu; ŭara nofs-inhar f'San Ġŭann chien ijsir għasar sollenni bħal festa ta't-titular bħal ma intkal f'il Cunsill li sar f'is-7 ta' Settembru 1598; igifieri illi malli tispiċċa il mota ta'l aħħar il Gran Priol flimchien ma'l Gran Mastru Cavalieri l-actar xjuħ u li chienu jcunu Gran Cruċ, u ma'd-dinjitarji collha ta'l Ordni ijmorru f'il Cappella ta'l Madonna ta' Filermu, il Priol jitla fuk l-artal u ŭara li jicxef il velu li jgħatti is-sena collha dic ixxbiħa ta'l għageb jibda id-"*Deus in adjutorium meum intende.* Ŭara cullħadd chien ijmur f'postu u jitcompla il għasar.

Nhar il Festa chienet issir kuddiesa cantata u chien joħroġ m'il Berġa ta' Alvernja il Marixxal ta'l Ordni liebes libsa m'il aħjar imsejjħa "abito di punta" u b'il bastun tŭil ta'l cmand f'idu. Ma genbu għal lemin chien ijcollu Cavalier minn ta' Alvernja ucoll, liebes ta' gŭerrier, u għa'x-xellug chien ijcollu ŭieħed m'il paġġi l-actar nobbli. Il Cavalier chien ijżomm f'idu l-Istandard ta'l Ordni u il Paġġ chien ijżomm dic ix-xabla ta'd-deheb li chien ir-rigala lil La Vallette is-Sultan Filippu it-Tieni ta' Spanja u li semmejna kabel. Ŭara il Marixxal chien ijcun hemm il Cavalieri collha ta' Alvernja u il Cumpannija ta'l Bumbardieri. Daŭna collha chienu jimxu u bħal processjoni, joħorġu m'il Berġa (li illum hi il Korti) u jidħlu S. Ġŭann m'il bieb ta' bisŭit l-istess Berġa. F'il pjazza, fejn illum hemm il għajn, chien ijcun hemm issuldati filiera cull naħħa biex meta jgħaddu jsellmu il militari. Malli jidħlu il Cnisja il Marixxall u il Cavalieri chienu jmorru jokogħdu f'posthom.

Ŭara li tinkara l-Epistola il Cavalier ta'l Istandard chien jitla il Presbiterju u ŭara li jagħmel tliet riverenzi bl-istandard lill artal maġġur u tlieta oħra kuddiem it-Tron ta'l Gran Mastru, chien jerħi dan l-istandard f'idejn il Gran Mastru stess u dana, b'il ŭiekfa, chien ijżommu f'idu il-lemenija sa chemm jinkara l-Evangelju collu.

Dina iċ-cerimonja chienet tfisser « Aħna mhejjija dejjem biex inċarċru demmna għa't-Tŭemmin Nisrani. »

Ŭara l-Evangelju il Cavalier chien jieħu l-Istandard minn id il Gran Mastru u jerġa jmur jokgħod f'postu. Il Paġġ b'ix-xabla f'id ŭaħda u b'is-sejf ta' Filippu it-Tieni fl-oħra chien jokgħod ŭakt il kuddiesa collha taħt it-tron b'il ŭiekfa ħdejn il Gran Mastru.

Ŭara li tispiċċa il kuddiesa chienet toħroġ il processjoni. Il Gran Priol chien ijżomm f'idu xbiha kadima u għażiża ħafna ta'l Madonna li il Cavalieri chienu ġiebu magħhom minn Rodi. F'dina il Processjoni chienu jieħdu sehem il fratellanzi u il patrijiet collha ta'l Belt, u il Cleru Conventuali collu. Il Gran Mastru chien fiha jimxi dejjem bejn il Cavalier ta'l Istandard u il Paġġ ta'x-xabla u ŭarajhom chienu jimxu il Cavalieri collha. It-triek collha mnejn tgħaddi il processjoni chien ijcun fiha cull naħħa ringhiela suldati. Il processjoni chienet tidħol f'il Cnisja ta'l Vittorja (hecc imsejjħa b'tifchira ta'l Cbira Rebħa u imkaddsa l'it-tŭielid ta'l Madonna) billi dina chienet il parroċċa għa'n-nies ta'l Ordni. Hemm chienu jcantaŭ l-antifona ta'l Madonna u ŭara il processjoni chienet terġa tidħol f'San Ġŭann kalb l-isparar ta't-Torri Cavalier.

Għal din il festa chienu jinżlu nies m'il campanja bi ktajja cbar barra minn nies ta'l Ibliet li chienu jħobbu jaraŭha ħafna ucoll.

Daŭn l-erba chelmiet fuk din il festa ta'l Canoncu Vella huma sbiħ ŭisk u nixtiek naf ħafna m'il liema ctieb ta'l Istorja tagħna ħadhom.

Il Birgu ucoll toħroġ processjoni bi xbiha kadima ta' stil biżantin; u f'Sant Anġlu, barra milli tindakk il kampiena li chif igħidu kabel ma inchisret chella leħen sabiħ u jŭassal ŭisk billi fiha ħafna deheb ijsiru għasar u kuddiesa f'il cappella ta' hemm u jħallu min jara iċ-Cimiterju fejn geŭ midfuna il kalbiena ta'l cbir Assedju u li jati fuk il Calcara. F'iċ-Cimiterju ucoll ta' San Ġŭann titcanta il *Libra*.

Hecc chienet mela issir il festa ta'l Vittorja fi żmien il Gran Mastri.

# Il Vara ta'l Bambina.

Fl'Archivju ta'l Fratellanza ta'l Cuncizzjoni ta'l Isla jinsab ctieb għażiż imsejjaħ « *Libro Vicende* » u li minnu sejjrin niġbru daūna l-aħbarijiet ta' minn jakrahom fuk il Vara ta'l Bambina.

Fl-1630 certu Captan aūstriac chien gej m'il Golf ta' Venezja u f'in-naħħa ta' Dalmazija, f'il Baħar Adriaticu, iltaka ma statua ta'l Madonna li milli setgħu jaħsbu chienet f'il poppa ta' xi bastiment li chien tfarrac u bakgħet hi biss tiġġiera f'ūiċċ l-ilma. Il Captan ġabarha b'il ferħa, kiegħda fl-aħjar gabina li chellu gieghel lill baħrin jatuha kima u xtak li jsibilha xi loc actar imkaddes biex ijkiegħda fih.

Fost il passiġġieri li chellu abbord chien hemm certu Lanzun, innannu ta' Ġużeppi Lanzun u ta' Dimitri Tumbo it-tnejn m'il Isla, li chienu ucoll abbord. Daūna meta raū il ġmiel ta' dic ix-xbiha is-saħħru ūarajha, u għalhecc b'id-dmugħ f'għajnejhom inxteħtu għarcopptejhom f'riġlejn il Captan u talbuħ bi ħrara cbira li jatihieihom għal Cnisja ta'l Isla li chien ilha ftit li imbniet ġdida.

Meta il Captan ra dic il ħrara collha iccuntenta li jatihielhom u għalhecc meta ūaslu Malta telakha kuddiem il poplu collu f'idejn il Cappillan Dun Gosmu Talavera, (m'il Imdina) biex tibka għal Cnisja ta'l Isla. Chien nhar ta' Ħadd u saret festa sabiħa ūisk b'migimgħa cbira ta' nies.

Bejn il Captan, l-equipaġġ u il passiġġieri inġabret somma ta' flus u saret collha kuddies cantat u baxx dic inhar ta'l festa. Il Cappillan għamel pridca sabiħa fuk il Cuncizzjoni ta'l Madonna li biha kankal ħalb cullħadd, m'il ġabra li saret għal dic il festa, ūara li tħallsu l-ispejjes collha, baka somma sabiħa żejjda li biha għamlu dic ir-raġġiera ta'l fidda li bakgħet f'rasha sa'l 1783 u li billi chienet tfarrchet u tchissret deūūbuha u biha għamlu cruċcetta għal fuk it-tabernaclu u għamlu m'il ġdid raġġiera oħra ta'l fidda għal ras il Madonna ūisk isbaħ minn dic ta' kabel.

Ūara li spiċċat dina il festa certu Captan Narduċċju De Maria issaħħar għal din il vara talab lil Cappillan Talavera li jagħmlu procuratur tagħha biex jieħu ħsiebha u jżejjinha hu u biex jagħmel chemm jista ħalli jkankal il kima lejha. Il Cappilan u il poplu iccuntentaū u dam għal tliettax il sena jieħu ħsiebha u b'il ġbir tiegħu chienet issir cull sena festa sabiħa ūisk. Fl-1633, fi żmien l-Iskof Cagliares u il Gran Mastru de Paūla dan Captan De Maria għamlilha niċċa sabiħa biex tcun merfuha aħjar u biex saret għacches seūūa lill butu u dana insibuh ir-registrat, bħal ma jgħidilna il Canoncu Vella f'il vista ta' Mons: Balaguer, faċċata 275.

Il Vigarju Capitolari f'il 21 ta' Settembru 1634 għamel il Viżta u hecc mar jitħaddet minn dina il vara: « L-istatūa hi sabiħa ūisk u maħduma minn imgħallem tajjeb; u li l-artal tagħha hu dejjem imżejjen u tista tgħid fih ta' cull jum ijsir il kuddies bi flus Narduċċju u il poplu. »

F'id-29 ta' Novembru 1648 giet imūakkfa il Fratellanza ta'l Cuncizzjoni. F'it 8 ta' Dicembru imbagħad bdiet issir festa u processjoni ma'l belt collha.

Il Gran Mastru Fra Nicol Cotoner meta ra li il pesta f'is-snin 1675 u 1676 chienet kiegħda iġġorr in-nies b'il gzuz, għamel ūiegħda flimchien ma'n-nies ta'l Belt, ta' Bormla, t'al Birgu u ta' L-Isla li jecc teħlishom għandhom jagħmlu il ħmistax il sibt kabel il festa ta'l Cuncizzjoni bi ħrara cbira, u il pesta ūakfet.

Dic il pesta chienet kerdet nies ūisk u ħarbtet għal collox il fratelli ta'l Cuncizzjoni u għalhecc il Fratellanza sfrattat, iżda sentejn ūara, f'ix-xahar ta' Ottubru 1678 il Cappillan il ġdid Dun Salv: Fenech raġa ūakkafha bħal ma chienet kabel.

L-istorja chif giet dina il Vara ta'l Madonna fl-Isla sibniha mictuba b'dan il mod: li chien gej bastiment m'il Italja b'dina l-istatua fuku biex jiehodha fi Lvant fi Cnisja ta' S. Frangisc. Kabditu burraxca cbira u xeūlhitu lejn Malta. Meta ibbnazza seūūa reġgħu telku, iżda meta ūaslu xi sitt mili bogħod minn Malta il burraxca reġgħet ħraxet u chellhom jerġgħu jdaūūru denbhom lejn il post tagħna. Sitt darbiet ġralhom hecc; filli jcun bnazzi żejt u malli jitbiegħdu m'il port tkum il burraxca u treġġagħhom l-ura. Fl-aħħar il Captan tħaūūad u inxteħet għarcoptejh flimchien ma'l equipaġġ jitolbu ħniena lil Madonna li chellhom abbord. Il Captan iltaka darba ma'l Cappillan Talavera li semmejna u kallu xi ġralu. Dana ūiegħbu li il Madonna għandu jcun ma riedetx tmur magħhom iżda riedet tibka f'il Cnisja il ġdida li chienu bneūlha fl-Isla. Il Captan ġabar f'il għaxija lil baħrin u kallhom x'ħebblu il Cappillan Talavera u daūn ma kalux le. Meta niżżluha f'il cnisja il ġdida il bastiment telak m'il ġdid u d'id-darba b'żiffa ħelūa tgħinu ūasal fejn chellu jmur b'is-sliema.

F'is-sena 1759 is-Sinjura Marija Cassar għamlet libsa ta'd-deheb biex ijlibbsuha lil dina il bambina f'il festi il cbar taħħha; fl-1797 dina il libsa imbiegħet biex saret il Festa ta'l Cuncizzjoni il ġdida.

Anna Calleja, li chella l-iscola t'an-nuna fl-1750 bdiet taħdem it-tajjar u tagħmel gvieret u tbiegħhom u b'il kliegħ li ġabret minnhom għamlet l-artal ta' rħam ta'l Bambina.

Fl-1768 Feliċ Cassar għamel it-tapizzerija ta'l Cappella.

F'il cunsulta ta'l 5 ta' Jannar 1768 intgħażlu erba fratelli ta'l Fratellanza ta'l Cuncizzjoni biex ijduru ma'l Isla u jiġbru għal fkar darba f'il gimgħa. Il flus li chienu jinġabru minn daūna il persuni puliti u kassisin, ma'l legat ta' mitt scud f'is-sena ta' Filippa Ciarli u ma'l chera ta' camra li chien ħalla Dun Ġampatist Mallija, chienu jitkassmu lill fokra cull nhar ta' Tlieta.

Fl-1718, fi żmien l-Iskof Cannaves, chien haūn nixfa ta' xita cbira. Bdeū ijsiru kuddies, talb processjonijiet ma Malta collha. Il Cappillan ta'l Isla, Dun Fortunat Vella ħa il Bambina f'il cnisja ta'l Ħlas ħdejn Ħal Kormi u malli ūaslu, bdiet nieżla xita b'il klil li lankas ma setgħu jerġgħu l-ura lejn il belt.

Fl-1732, fi żmien l-Iskof Alferan, chien haūn ucoll nixfa cbira ta' xita u meūt cbira fuk l-annimali. Dun Fort: Vella ħa il Bambina Ħaż-Żabbar u kalgħu il grazzja.

Fl'1757 kamet tempesta tant kaūūija li saħansitra għerbet il canuni minn fuk is-sūar u għal tliet t-ijem ma sħat xejn b'biża cbir ta' cullħadd. Esponeū is-Sagrament f'il cnejjes collha u in-nies jibchu u jolfku bdeū jitolbu ħniena b'chemm chellhom ħrara. Dun Fortunat Vella ħa il Bambina il Portu Salvu ta'l Isla u m'hux biss rakdet dic it-tempesta iżda sa'l-lum għadu katt ma chellna iżjed tempesti ħorox bħal dic.

F'il pesta ta'l 1813 l-Isla biss ma ittiefsitx u għalhecc saret dic l-istatūa f'nofs Strada Rjali ta'l Isla.

Mela għandhom raġun hutna in-nies ta'l Isla, li huma imnisslin minn daūc missierijietna li billi żammeū jiebes contra il killa u iż-żegħil ta't-Toroc chisbu lill belthom it-titolu sabiħ ta' Citta' Invitta, li jifirħu f'dina il festa imkaddsa ta'l Bambina għaliex barra milli tfaccarhom f'il Cbira Rebħa, tfaccarhom ucoll li għandhom vara għażiża ħafna u li dejjem ūakfet magħhom f'id-dūejjak cbar tagħhom.

# Il Melodramm Malti.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

18. Una corona d'alloro con nastro bianco-rosso, ricamato in oro. Not. C. Micallef De Caro, per gli amici del Maestro.

19. Una *corbeille* con bel nastro bianco-rosso. Società musicale *Duke of Connaught.*

20. Una lira musicale di fiori artificiali e corona d'alloro con elegante nastro bianco rosso. Società musicale *Maria delle grazie.*

21. Una lira musicale di fiori artificiali. Il Comitato per le onoranze.

22. Una elegantissima pergamena con dedica. Gli studenti dell'*Ateneo Melitense.*

23. Un riuscitissimo ingrandimento fotografico del compositore, con ricca cornice. Signor L. Cassar.

24. Una raccolta su pergamena, artisticamente luminata e montata con gusto artistico di alcune poesie dedicate allo autore.

25. Un altro riuscitissimo ingrandimento fotografico del compositore, con ricco cornice. *Gran Studio.*

## LE POESIE

—

## ODE

Passan tra le celesti melodie
che il genio ti dettò, o spirto eletto
l'epiche lotte ed il valor dei padri
contro lo Scita!

Le prische glorie, con alati suoni
o Tu di questa terra dolce speme,
ne l'alme morte ad ogni cosa bella
oggi evocasti!

L'amor che imparadisa i cor gentili,
l'odio che i lumi annebbia e i mille accordi
de'l core umano vibrano ne l'opra
tua immortale!

Orgogliosa di Te, Melita nostra,
di figli generosi inclita Madre,
qual di costanza esempio ai neghittosi
Ecco t'addita!

Allor che con isplendida vendetta,
il tempo, come turbo aquilonare
nel limo getterà l'opre pigmee,
le note tue,

il soave tuo ritmo, ancor de l'arte
il fremito dolcissimo nei cori
dei più tardi nepoti desteranno,
o gloria nostra!

C. M. D.

## Sonetto

Te che riversi il tuo pensier rovente
Nel tremolar de le novelle note,
Te la musa guardò con le divote
Pupille e lieta te baciò nascente;
Or l'alma sogna, palpita fremente,
Ne la vision delira che la scuote
Volve anelante del suo vol le ruote
Al sole dell'Idea tenacemente;
E, trepitando, nel sublime volo,
Sciogli canora il melodioso canto
Le Glorie ritessendo del Passato.
Sale. Ondeggiando sul nativo suolo
Scendon le note blande, come il manto
Igneo del sol sul rifiorir del prato.

FILIPPO NICOLO' BUTIĠIEG.

(*Jissocta.*)

## SETTEMBRU.

Hu ix-xahar ta' ġmigħ il għeneb u ta' għamil l-imbit. Sħana Bejjienija 25·4 C.

Jraħħsu il palma, il basal, il clin u ir-rand; jiżħaru il ħaxixa ta' rmied, il kasab, l-agave u il gelleŭs; ijsiru iż-żinżli il geŭż. il ħaŭħ istar, il bergamott, iċ-ċedrat, il ħabak, il ġolġlien, il cappar, il ballut, li spraġ u il għansar; jinża it-tut; jinħarat u jiddemmel ir-raba ta'ż-żriegħ; jinżargħu is-silla il ŭidna, il ġolbiena, ix-xgħir u it-teŭm jitħaŭlu il patata ta'x-xitŭa, il bajtar ta'l Indja; jitgħarrsu il ġdur, il pastard u il caboċċi; jingemgħu il bjad, il ġolġlien, l-imżieŭed ta'l kamħ-ir-rum u il bettieħ ta'x-xitŭa; jinħarat il ŭerak ta't-tin. F'ir-raba sakŭi u f'il ġonna jinżergħu il crafes, it-tuffieħ t'Adam, l-indivja, il figel, il ħass, il basal u il kakotx; jitħaŭlu il basal ta'ż-żagħafran; jinżabru l-agrumi; jitlakkmu l-agrumi u ir-rummien; jinkata il kara franċiż misjur u jitkiegħed f'ix-xemx.

★

## SFORJA TA'L PAPIET.

XXX.

## S. MARCELLINU.

**Saltan għal sitt snin, ħdax il xahar, u tliet t-ijiem. Laħak f'is-sena 296 u miet f'is-sena 304.**

Dioclezjanu, Massiminu u Galerju nafru għal collox, f'dina il ħabta, contra l-insara, billi ŭaħħluha f'rashom li għandhom jekirdu sa l-isem tagħhom għal dejjem. Marcellinu, ruman u bin Projiottu, bniedem ta' ħila cbira laħak fi żmien tajjeb. L-egħdeŭŭa ta'l Cnisja xerrduha li chien sar idolatra u raġa gie fi ħdan it-tŭemmin nisrani: għidba ħoxna li ŭakkgħuha l-aħjar chittieba kodma u ta'l-lum ucoll. Hemm min ijrid ijgħid li miet martri; iżda ma jafuħx f'is-sgur. Il Cnisja hi tant f'is-sod fuk tjubitu li għadditu m'il actar żmienijiet f'il bogħod ma'l kaddisin. Santu Uistin chien ijħobbu ŭisk u chiteb ŭisk biex kabeż għalieh contra it-tnassis ta'l għedeŭŭa ta cull ħaġa seŭŭa dejjem b'il kerk u b'it-tnassis riedu jirbħu. Iżda dejjem arralhom.

★

## CRONOLOĠIJA TA' MALTA.

SETTEMBRU.

6—1553. Miet il Gran Mastru D'Omedes.

7—1565. It-Toroc mirbuħa telku minn Malta.

8—1775. L-Irvell ta'l kassisin taħt Mannarinu.

9—1798. L-Istandard Malti perper fuk il fortizzi collha ta'l campanja.

10—1798. Il Franċiżi ħarġu m'is-sŭar għal Maltin iżda geŭ imreġġħin l-ura.

11—1553. Laħak il Gran Mastru La Sengle.

12—1843. Saret xirka bejn Ingliżi u Maltin contra il jasar.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

Ambroġ u l-oħrajn sellmulu m'il gdid, iżżeŭħ hajr u reġgħu lebbtu iż-żŭiemel l-isfel b'chemm chellhom ħila. Carmena u Ħamid tŭerŭŭru x'ħin semgħu il-leħen imdaħdaħ ta' Ambroġ u x'ħin semgħuħ ijgħid bejn snienu nfoscat. « Ħelsugħa m'il kattara iżda jeħlu f'il miżjeb imkar naf x'nat.... il Birgu insibuhom sgur. »

Meta id-diŭi ta't-tlebbit għieb għal collox, Ħamid infexx kal :—« Ja sidti, dina ingħodduha b'ŭaħda.... Imn'Alla li ma usalniex Ta't-Tarġa kabel għaliex chienu jagħmluna zalzett...· Issa la nafu li Ambroġ m'hux l-Imdina rabbi ftit ta'l kalb.... nilħku naraŭ il Ħachem.... u sa jerġgħu jdaŭŭru denbhom huma aħna incunu ilħakna żgiċċajna lejn Ta't-Tarġa fejn Ambroġ ma hux sejjer jarġa ·igi billi mar fittixcom ġa u ma sabcomx. »

Carmena mesħet għajnejha m'il bichi u x'ħin għafset b'il kalb id Ħamid li chienet fuk ircopptu kaltlu — « Ħamid niżżiċhajr minn da: collu li kiegħed tagħmel miegħi u li jiena ibka sgur li ma ninsiħ katt. Li ma contx int x'chien ijsir minni f'dil-lejla ta'. infern? Jiena dejjem cont naf li inti iġgibni tajjeb, iżda li il kima tiegħec lejja tŭasslec sa haŭn, ma cont nobsru katt.... m'il-lum il kuddiem ma irridecx is-sejjaħli « sidtec » iżda b'ismi u irrid nibda ingħoddoc bħalha l-egħżeż ħabib tiegħi, għaliex rajt li kalbec, għad li hi ta' irsir, hi ŭisk actar nobbli minn dic ta' xi Cavalieri ta' San Ġŭann. »

Ħamid meta ħass il għafsa ta' dic l-id u sama nieżel f'ŭidnejħ dac il cliem ħelu minn fomm dic ix-xbejba li issaħħrec u li kalbu, b'il moħbi, chien ilha tant snin tħabbat għaliha, tbicchem. Ried ijgħid xi ħaġa, ried ijsib xi ftit cliem ħelu biex ijŭiegeb, iżda kalbu bdiet tferfer bħal ta' ħamiema makbuda f'id u ma satax. Biss mitluf chien kabad, b'il mod minn subgħajha, dic l'id bellusija li Carmena, m'hux actar sidtu iżda ħabiba għażiża tiegħu, chienet kiegħditlu fuk tiegħu, u x'ħin ressakha b'il beżgħa lejn xuftejħ, biesha b'chemm chellu ħrara u xarrabha b'id-dmugħ jolfok.

Carmena ħallietu u kaltlu :— « Niżżiċhajr Ħamid m'il kima tiegħec lejja għaliex naf li il beŭsa tiegħec ma hix karrieka u faħxija bħal ta xi Cavalier.... »

Ħamid, imbellaħ, infexx kal :— «Carmena, ma dic il beŭsa naħliflec li tajtec ruħi, kalbi u cull ma fija. Jien ma inhiex iżjed ħlief ħaġa l-actar chiebja tiegħec.... Kattagħni, biċċirni, irfisni taħt riġlejc, għamel bija dac li trid.... jiena ma inbexxakz fommi ħlief biex inbierchec.... ħajjti m'il-lum il kuddiem ma ingħixhiex ħlief għalic.... »

Carmena melsitlu b'idha ix-xahar tuti, imgiegħed u mfelfel li chellu; rat f'il ftit daŭl li chien kiegħed jitbexbex m'ixxakk ta'l purtiera il għajnejn sbieħ u suŭed tiegħu jibru bħal żeŭġ ġamriet fukħa, ħassitu jirtogħod u jc·ccec snienu bħal ŭieħed li kabditu it-terzana, gietha ħniena minnu u, biex takliblu il cliem, kaltlu .—

—« Ħamid kiegħda nisma il kniepen ijdokku.... fejn aħna? »

Ħamid daħal fih in-nifsu, raġa kagħad b'il kegħda seŭŭa għaliex bla ma intebaħ sab ruħu għarcoptejh kuddiem Carmena, u b'leħen chiebi ŭieġeb :—

—« Il Cnisja ta Ħ'Attard kiegħda iddokk għal l-aħħar talb. Għadhom id-disgħa niekes qŭart. Sa qŭart'oħra incunu l-Imdina u sejrin naslu ħin tajjeb għaliex da'l ħin cullħadd ijcun inġabar f'daru u il ħŭienet ijcunu għalku. »

Carmena kaltlu b'leħen chemm chemm jinstama :—

—«Jiena ħsibtu ġa sar il « *Pater Noster....* » u chif lissnet d'il chelma milet rasha ma'r-rocna ta'l caless u bla ma tnifes kagħdet taħseb li il-lejl ta' kabel, f'dac il ħin, chienet mitlufa f'camritha takra, tbus u ixxarrab b'id-dmugħ l-ittri ta' dac il karrieki Cavalier li ŭara li kata il capriċċ ta' rasu, u tħallas b'hecc minn Ambroġ, issa telakha għal bieb Alla ma irsir ŭieħidha, f'dic· il lejla ta' biża biex hu mar jissacar u actarx ijkarrak b'xi mar'oħra għand ħabibu il faħxi De Goutre.

(*Jissocta.*)

Ħanut cbir u sabiħ għal chiri b'is-supplica u il commoditajjiet collha li trid is-Sanità, f'Balzunetta, Sda: Botanico No 14. Staksu għand Attard li jokgħod fl-istess triek numru 12,

Fetħet il
**MISIDA PHARMACY**
ta'l Farmacista **A. Agius.**
COLLOX B'IRĦIS U M'IL AĦJAR.

## ID-DIABETE

hi marda li jecc tilkagħha m'il eŭŭel tista tfiek minnha f'kasir żmien, iżda li jecc tħalliha tidħol il ġeŭŭa seŭŭa bla ma ticcuraha tista anche tibagħtec id-dinja l-oħra. Ilhom snin cbar jitħabtu biex ijsibu rimedju seŭŭa li jfejjakha f'kasir żmien u għal collox u fl-aħħar irnexxeŭ bi li sabu il

**FERMENTIN**

li scond ma jgħidu l-aħjar Professuri ta'd-dinja għal d'il marda ħadd ma jagħilbu. Ippruvaŭħ mela m'il actar fis!



Min hu marid bl-Anemija (takar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija-Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor-Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.
Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib
**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

## GĦA'N = NERVUSI!

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L
**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.
IPPRUVAUĦA! GID TISTA TAGĦMEL BISS.

Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu chemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min ijrid jixtri id-drapp biss ijbegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.

Min ijrid jitgħallem ijfassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos? Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali. F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.

Min ijrid jixtri

# CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ijfittex il marca tant imfahhra

# BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

## C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stam-pa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**